MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 989/2006

**Aronne sive Ronnie Barbara**

**vs**

**Raymond McKay u martu Maria Nicholina maghrufa bhala Marlene McKay**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat imressaq minn Aronne sive Ronnie Barbara li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Fit-28 ta' Dicembru 1995 il-partijiet permezz ta' skrittura kienu ftehmu fuq bejgh u konsenja ta' vettura tat-tip Audi Coupe' bin-numru ta' registrazzjoni CAC 414 u geddu dak li kienu diga ftehmu fuq vettura ohra tat-tip FIAT Ritmo ghall-valur komplessiv ta' erbat elef seba mija u tmenin lira Maltin (Lm4780) flimkien mal-imghax bit-tmienja fil-mija (8%);

Minkejja li skond l-istess skrittura, l-intimati kienu ftehmu, li l-hlasijiet isiru b'pagamenti mensili ta' tletin lira Maltin (Lm30) fix-xahar huma ma onorawx dan il-ftehim, tant illi l-ammont baqa jakkumula u jizdied u prezentament jammonta ghal tmint elef u tmintax-il lira Maltin (Lm8,018) u dan skond skadenzi li ma thallsux;

Ir-rikorrenti kemm il-darba interpella lill-intimati sabiex jonoraw dan il-ftehim maghmul minnhom izda minkejja li kien hemm xi drabi li hallsu xorta wahda baqghu kostantement inadempjenti u ma hallsux l-ammont kollu dovut lill-attur skond kif kien miftiehem;

Dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrenti.

Talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati huma debituri tar-rikorrenti ghas-somma ta’ tmint elef u tmintax-il lira Maltin (Lm8,018) liema ammont jirraprezenta bilanc dovut mill-intimati lir-rikorrenti u dan skond ma gie miftiehem bejniethom permezz tal-ftehim ffirmat mill-partijiet fit-28 ta’ Dicembru 1995;

2. Tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ tmint elef u tmintax-il lira Maltin (Lm8,018);

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali datati Dicembru 2002 u 22 ta’ Marzu 2006 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax skond il-ligi sal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati li in forza taghha eccepew:

Illi preliminarjament t-talbiet rikorrenti huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

It-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ammont pretiz m’huwiex dovut kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors;

Illi m’huwiex minnu illi kien hemm ftehim bil-miktub kif allegat mir-rikorrenti Barbara imma biss kien hemm *cash invoice sale* b’inventarju bi hlasijiet bla imghax;

Illi fi kwalunkwe kaz is-somma pretiza hija wahda ezagerata;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li, minkejja li moghtija l-fakultà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, il-partijiet ma ressqu ebda nota.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza r-rikorrenti qed jitlob minghand l-intimati bilanc ta’ somma akbar dovuta skond ftehim milhuq bejniethom dwar vetturi.

Jirrizulta illi r-rikorrenti biegh lill-intimati vettura tal-marka Fiat Ritmo.  Qabel ma din thallset kollha huwa bieghilhom vettura ohra, Audi.  Jirrizulta li l-ammont komplessiv li kien dovut ghalhekk tela' ghal Lm4780 (ara Dok. AB1).  Il-partijiet ftehmu fuq pagamenti mensili ta' Lm30.  Ghalkemm dawn bdew isiru, gieli pjuttost irregolarment, wasal zmien meta waqfu ghal kollox.  Il-partijiet ma jaqblux fuq l-ammont li ghadu dovut u lanqas fuq xi imghax li kellu jithallas.

Preskrizzjoni

L-intimat f'din il-kawza qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Art. 2156(f) li jipprovdi termini ta' preskrizzjoni ta' hames snin ghal:

> *"L-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku."*

Fil-kaz in ezami, jirrizulta illi l-ahhar pagament li ghamel l-intimat skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet kien dak li sar fil-5 ta' Novembru 2005.  Dan qieghed dokumentat fil-folja li fuqha kien jigi mnizzel mir-rikorrenti kull pagament li jsir.  Dan id-dokument originali gie prezentat mill-intimat u l-genwinità tieghu ma tpoggiet qatt fid-dubju.  Konsegwentement, fil-25 ta'

Marzu 2006, l-intimat gie notifikat b'ittra ufficcjali li giet segwita b'din il-kawza, mibdija fit-2 ta' Novembru 2006. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Sorte

Il-partjiet jaqblu li l-ammont dovut mal-ftehim kien originarjament Lm4780 (ara Dok. AR1 esibit mar-rikors guramentat) li minnhom Lm4400 kienu dovuti bhala prezz tal-vettura Audi u r-rimanenti kienu bilanc fuq il-vettura Fiat li kienet inxtrat precedentement. Mid-dokument fuq imsemmi (esibit a fol. 83) li fuqu kienu jigu notati l-pagamenti jirrizulta li saru hlasijiet fl-ammont komplessiv ta' Lm1440. Kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, in-notamenti kienu jsiru mill-kreditur stess. Il-korrettezza jew l-awtenticità ta' dan id-dokument ma gew skreditati b'ebda mod u l-Qorti ghalhekk tqis li dak li juru huwa sewwa, u fadal ghalhekk dovut bilanc ta' Lm3340.

Imghax

Provi dwar x'imghax seta kien dovut huma konfliggenti. Ir-rikorrenti jsemmi li l-ftehim kien jinkludi imghax ta' 8%. L-intimat, minn naha tieghu jichad li l-ftehim kien jinkludi xi imghax. Madankollu, ic-cifra ta' 8% kienet miktuba fuq id-dokument iffirmat mill-intimat li, ghalkemm isostni li ma jafx

jaqra, jaghraf cifri. Ghalhekk il-Qorti ma ssibx verosimili dak li jsostni u cioe' li l-ammont kellu jithallas minghajr imghax. Inoltre, jirrizulta min-notamenti illi meta kien hemm dewmien fil-pagamenti, Aronne Barbara kien fil-fatt jitlob u jinghata aktar flus. Dan jikkonfermah l-istess intimat. Il-Qorti ma tasalx biex temmen li dan kien jaccetta jhallas l-imghax jekk ftehim dwar imghax qatt ma kien sar. Finalment il-Qorti tqis ukoll dak li jipprovdi l-Art. 1141 tal-Kodici Civili li testwalment jipprovdi:

*"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni."*

Din il-Qorti tqis li, galadarba l-bejgh tal-vetturi kien parti mill-attività tar-rikorrenti, ir-rizultanti obbligazzjonijiet jitqiesu ghalhekk ta' natura kummercjali a termini tal-Art. 5 tal-Kap. 13 ukoll.

Ghaldaqstant ghandu jithallas imghax fuq il-bilanc ta' Lm3340 mid-data tal-ittra ufficcjali.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; tilqa' l-ewwel talba ta' Aronne Barbara u tiddikjara li huwa ghandu jithallas l-ammont ta' €7782.20 (sebat elef seba' mija u tnejn u tmenin Ewro u ghoxrin

centezmu) ekwivalenti ghal Lm3340; tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Raymond McKay u Maria Nicolina maghrufa bhala Marlene McKay flimkien ihallsu lil Aronne Barbara is-somma ta’ €7782.20 (sebat elef seba’ mija u tnejn u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu) bl-imghax mill-25 ta’ Marzu 2006.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Raymond McKay u Maria Nicolina maghrufa bhala Marlene McKay.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------